MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2013

Avviz Numru. 388/2011

**Ivan Bilocca**

**vs**

**Dennis Charles u Denise Buhagiar f'isimhom proprju u bhala legittimi rapprezentanti ta' binhom minuri Nicholas Buhagiar**
**u**
**Carmela Barbara f'isimha proprju u bhala legittima rapprezentanta ta' binha minuri Tarquin Barbara**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promoturipprezentat mill-atturi nhar is-17 ta' Novembru 2011 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihalsu in solidum bejniethom (jew min minnhom) is-somma ta' hamest elef, tmien mija u hamsa w ghoxrin Ewro (€5,825) rapprezentanti l-valur ta' vettura Peugeot, numru ta' Registrazzjoni ANG 306, liema vettura

sfat imkissra *'beyond economical repair'* u dan wara li Tarquin Barbara u Nicholas Buhagiar instabu hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom mill-Qorti tal-Minorenni (Malta) nhar is-7 ta Lulju 2010, fosthom li kkagunaw hsara irreparabbli lill-vettura Peugeot 306.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali intavolata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja esebita, annessa u mmarkata Dok IB1 ghal liema giet intavolata risposta minn Dennis u Denise Buhagiar u bl-imghaxijiet skond l-oghla rata permessa mill-ligi sad-data effettiva tal-pagament.

Rat illi l-konvenuti Dennis Charles Buhagiar u Denise Buhagiar kienu debitament notifikati skond riferta posittiva tal-Marixxall Julian Caruana datata 13 ta' Frar 2012 (fol. 6 tergo) u cioe' fl-indirizz 23, Triq Bice Mizzi Vassallo, Santa Lucija. Rat illi il-konvenut Dennis Charles Buhagiar kien ukoll debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Marixxall Julian Caruana datata 8 ta' Gunju 2012 fejn thalliet kopja ta' l-avviz fl-indirizz tal-konvenut u cioe' Block 38, Triq il-Folklor, Qajjenza, B'Bugia (fol. 23 tergo). Inoltre dakinhar thalliet kopja tar-rikors promotur lill-konvenut Dennis Charles Buhagiar fil-Kunsill Lokali ta B'Bugia u fl-Ghassa tal-Pulizija B'Bugia.

Rat illi l-konvenut Dennis Charles Buhagiar gie notifikat dwar ir-rikors permezz ta' publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-12 ta' Gunju 2012 (fol 24) u fil-gazzetta lokali L-Orizzont nhar is-6 ta' Lulju 2012 (Dok A fol.28).

Rat illi l-konvenuta Carmela Buhagiar kienet debitament notifikata bl-atti u fil-fatt pendente lite waslet ghal ftehim ma' l-attur, liema ftehim jinsab inserit fl-atti u li in segwitu tal-istess, fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2013 l-attur ceda l-atti fil-konfront tal-konvenuta Carmela Buhagiar.

Rat illi l-konvenuta Denise Buhagiar ipprezentat ir-risposta taghha nhar il-21 ta' Frar 2013 fejn eccepiet:

*'Illi n-notifika ta' Dennis Charles Buhagiar, zewgha hija nulla, stante li l-eccipjenti u zewgha llum huma legalment*

*separati. Dan ifforma familja ohra u ma joqghodx mal-eccipjenti fl-indirizz indikat. Anqas tista' tehodlu l-avviz hi, minhabba kazi ta' vjolenza fil-konfront taghha li spiccaw anke l-Qorti. Ghaldaqstant qeghda anke kontestwalment tipprezenta rikors biex in-notifika ta' Dennis Charles Buhagiar issir mill-gdid. (Attwalment l-avviz gie notifikat lit-tifel ta' hmistax-il sena, mhux lill-eccipjenti).*

*Fil-mertu –*

*1. li l-attur kien traskurat meta halla c-cwievet tal-karozza accessibbli ghat-tifel, li kien inaddaflu l-istalla. Ta' din it-traskuragni ghandu jerga' hu parti mid-danni, kif tistma dina l-Onorabbli Qorti.*
*2. Li t-tfal involuti fl-incident ma kienux tnejn, izda hamsa, u hemm lok ghal proceduri opportuni biex ir-responsabbilta' tinqasam kif xieraq.'*

Rat illi l-avukat difensur ta' l-attur ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut Dennis Charles Buhagiar dakinhar tal-10 ta' Ottubru 2012.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012 il-konvenut Dennis Charles Buhagiar ma deherx ghas-subizzjoni tieghu.

Semghet lill-konvenuta **Denise Buhagiar** tixhed fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2013 fejn qalet li hija kienet mizzewga lill-konvenut Dennis Charles Buhagiar ghalkemm ilhom separati legalment ghal bosta snin. Spjegat li l-minuri Nicholas Buhagiar huwa t-tifel taghhom u li meta sehh dan l-incident kellu biss erbatax-il sena. Iddikjarat illi huwa kien hdejn il-bandli ta' Rahal Gdid flimkien ma' xi hbieb ohra fosthom Tarquin Barbara. Spjegat illi binha kien ikun mal-attur ta' sikwit u dan ghaliex kien imur inaddaflu l-istallel tieghu. Spjegat li darba minnhom fost l-ohrajn binha li kien ma' xi hbieb qabdu u saqu l-vettura tal-attur u dan wara li l-istess attur kien halla l-vettura miftuha bic-cavetta go fiha. Qalet li t-tfal kienu ghamlu avventura u spiccaw habtu biha tant li l-vettura spiccat '*beyond economical repair*'. Hija fil-fatt qalet li taqbel li ghandha tinzamm responsabbli flimkien

ma’ zewgha ghal dak li sehh stante li t-tifel huwa minuri pero’ qalet li daqstant ghandha tkun responsabbli omm Tarquin Barbara.
Illi fil-mori tal-kawza jidher li l-attur wasal ghal ftehim mal-konvenuta Carmela Barbara fejn l-konvenuta Barbara qablet li ghandha thallas nofs l-ispiza li kien qed jitlob l-attur u cioe’ li thallas l-ammont ta’ elfejn, disa’ mija u tnax-il ewro u hamsin centezmu (€2,912.50) bhala sehem binha f’dan l-incident u a bazi ta’ dan il-ftehim l-attur ceda l-kawza fil-konfront taghha.

Ghalhekk l-ammont pretiz illum mir-rikorrenti huwa ghar-rimanenti elfejn, disa’ mija u tnax-il ewro u hamsin centezmu (€2,912.50).

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju li l-incident awtomobilistiku sehh meta l-minuri Tarquin Barbara u Nicholas Buhagiar hadu l-vettura ta’ l-attur u habtu biha u ghalhekk m’hemmx dubju ghall-Qorti li l-*causa causarum* tad-danni subiti mill-attur kienet l-azzjoni imprevvista tat-tfal in kwistjoni.

Illi in tema legali appikabbli ghal kaz in kwistjoni dwar min ghandu isofri d-danni jinghad li l-principju legali huwa li kulhadd huwa tenut ihallas ghad-danni li jsiru minhabba t-tort tieghu u huwa it-tort tieghu min fl-azzjonijiet tieghu ma juzax il-prudenza, diligenza u l-attenzjoni ta’ ‘*bonus pater familias’* (ara **Artikolu 1033 u Artikolu 1034 tal-Kodici Civili**. Kwalunkwe htija jew tort aktar min dik ta’ *bonus pater familias* biex bniedem jirrispondi ghaliha trid tkun imnissla minn disposizjoni espressa tal-ligi. Huwa wkoll responsabbli ghad-danni min independentement mill-intenzjoni tieghu, jaghmel jew jonqos li jaghmel b’nuqqas ta’ diligenza, ta’ prudenza jew ta’ hsieb dak li huwa impost mil-ligi (ara **Artikolu 1035 tal-Kodici Civili**). Dawn id-disposti tal-ligi jirregolaw il-pieni u d-danni dovuti ghall-fatt proprju ta’ persuna skond il-massima generali “*De poenis suos teneatur auctores, nec ulterius progre d’atur metus quam reperutur delicteum.”*

Illi kwalunkwe modifikazzjoni ghal dana l-principju hija eccezzjoni tad-dritt komuni u fosthom jidhlu l-pieni ghall-att ta’ haddiehor bhal ma huwa l-kaz tal-fatt in desamina. In-*‘noxxales’* tad-Dritt Ruman fejn ir-responsabilita’ ta’ min ghandu il-hsieb ta’ wiehed minuri jew ta’ min hija diretta u r-responsabilita’ indireyta bhal fil-kaz tal-Artikolu 1036 tal-istess Kodici.

Illi mhemmx kwistjoni li l-eta’ tat-tfal in kwistjoni kienet tirrikjedi is-sorvoljanza tal-genituri taghhom. Dik tal-missier bhal li fih tirrisjedi l-patria potesta, hija r-responsabilita’ principali. Ghaliex fih skond il-ligi hija imposta il-kura u kustodja u in forza tal-**Artikolu 1036** tal-Kodici Civili giet krejata minhabba f’hekk presunzjoni ta’ responsabilita’ direttaement. Mhix il-prezenza materjali tal-missier li tirrendih responsabbli, izda d-direzzjoni u l-kura li ghandu skond il-ligi tat-tfal minuri li torbtu f’dan il-kamp u anke jekk il-missier ihalli it-tfal minuri tieghu taht il-kura ta’ l-omm dina r-responsabilita’ tieghu ma ticcessax sakemm jibqa’ jesercita il-‘patria potestas’. Jidher fil-kaz tal-minuri Nicholas Buhagiar li l-genituri tieghu huma de iure separati u li l-kura u kustodja tat-tifel tinsab f’idejn il-mara, il-konvenuta Denise Buhagiar izda dan nonostante, ma jfissirx li l-missier ma jibqax responsabbli ghall-agir ta’ ibnu minuri. Molto piu’ meta tqis dak li qalet l-konvenuta Denise Buhagiar li zewgha ma jaghtiha xejn manteniment u ma jaghtix kaz lit-tifel. Huwa id-dover tieghu il jara li t-tifel tieghu izommu il-boghod milli jaghmel reati kriminali u in segwitu jaghmel danni fuq proprjeta’ ta’ terzi. Il-konvenut Dennis Buhagiar fl-ebda kaz ma ittenta jipprova li effettivament huwa ghamel hiltu kollha sabiex jinvigilia lil ibnu bhala *pater bonus familias* sabiex jipprevjeni u jilqa’ ghall-fatt in kwistjoni.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili nhar id-29 ta’ April 1960 fl-ismijiet ‘**Nicola Magro vs Geraldo Zammit Pro Et Noe’** fejn gie ritenut li:

*“Il-missier ghandu kontra tieghu l-prezunzjoni legali li hu responsabbli ghad-danni kagunati minn ibnu minuri, sakemm huwa ma jippruvax soddisfacentement illi, bhala*

*missier tajjeb tal-familja, huwa ha hsieb ibnu biex il-fatt dannus ma jigix kommess. Din ir-responsabbilita` tal-missier hi bazata fuq l-awtorita` u l-poter li ghandu l-missier li jissorvelja l-edukazzjoni u l-kondotta ta` wliedu minuri kontinwament u minghajr heda. Il-prevenzjoni li trid il-ligi tikkonsisti prinicpalment fl-edukazzjoni u fid-dixxiplina li biha l-missier hu obligat irabbi lill-uliedu, kif ukoll fis-sorveljanza kontinwa fuqhom; b'mod specjali, meta dawn jidhru li huma vizzjati jew ta` karattru hazin. Ghaldaqstant, jekk it-tifel minuri jikkommetti serq, u l-missier ma jippruvax li hu ghamel dmiru biex jipprevjeni dak is-serq, u ma jirnexxilux iwaqqa l-prezunzjoni legali kontra teighu, ir-responsabbilta` ghall-ghemil ta` ibnu ghandha tibqa`, bil-konsegwenzi kollha li ggib maghha, u hu obligat jirrestitwixxi lid-derubat ir-refurtiva. Il-missier huwa hekk tenut in vija pricipali, anki jekk ibu jkun tenut un vija principali huwa wkoll. Jekk mbaghad il-missier u l-iben jitqiesu li kkonkorew it-tnejn ghall-hsara, sija pure b'mod u responsabbilita` diversa, imma ma tistax tigi accertata l-parti tal-hsara li taghha kien kagun il-missier, d-danneggjat huwa ntitolat jezigi r-rifuzjoni tal-hsara kollha minghand il-wiehed u l-iehor fost il-missier u l-iben".*

Issa li l-Qorti stabbiliet li l-konvenuti kienu repsonsabbli ghal dan l-incident, trid tara wkoll jekk l-attur kienx ukoll negligenti fl-agir tieghu li jhalli c-cwievet go vettura miftuha fil-presenza ta' tfal minuri u b'hekk ikun hemm kontributorjeta' min-naha tieghu. Il-Qorti trid tara jekk in-nuqqas ta' l-attur li jsakkar il-vettura u li ma jzommx ic-cwievet taghha ghandu meta jaf li hdejha kien se jkun hemm tfal humiex fatturi sufficjenti biex jeskludu ir-responsabbilita' tal-attur. Jinghad li kull kaz ghandu jigi investigat ghalih u dan ghaliex kif ighid Lord Uthwait fil-kawza '**Passengers Transport Board vs Upson'** *"a driver is not bound to foresee every extremity of folly which occurs on the road*". Il-Qorti trid izomm quddiem ghajnejha li "*a vehicle stationery in a street may also be attractive to children*" u ghalhekk il-Qorti trid tara li qabel ma l-attur halla l-vettura huwa kellu l-obbligu li "*before moving off he exercised the reasonable care to avoid injury"* (**Carney vs Smith** 193 SCJ 19) . Il-Qorti trid tkun sodisfatta li l-prekawzjoni li ha l-attur kienet wahda

specifika diretta u ragionevoli bhal per ezempju avza lit-tfal sabiex ma jsuqux jew li ha mieghu ic-cwievet tal-vettura u nonostante telqu biha xorta jew li sakkar l-istess vettura qabel ma telaq ‘l hemm u it-tfal qabdu u sgassaw l-istess. Issa f’dan il-kaz ma jirrizulta minn imkien li l-missier ta’ Nicholas Buhagiar ha xi prekawzjoni tant li kif tghid Denise Buhagiar (liema xhieda mhux kontestata) il-polza ta’ sigurta’ tal-attur kellu fuq din l-istess vettura ma koprietux ghal dan l-incident ghaliex l-attur kien halla c-cwievet fil-vettura meta telaq ‘l hemm. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti hemm kontributorjeta’ min-naha tal-attur.

Issa mill-provi prodotti l-konvenuta Barbara gja assumiet nofs it-tort kif jirrizulta mill-ftehim esebit fl-atti a fol. 55 et seq fejn assumiet li thallas l-ammont ta’ elfejn, disa’ mija u tnax-il ewro u hamsin centezmu (€2,912.50) lill-attur u ghalhekk baqa’ biss ir-rimanenti nofs l-ammont mitlub fir-rikors promotur. Issa jekk ghamlitx sew jew le, din il-Qorti mhux ser tidhol fiha stante li kienet id-decizjoni tal-partijiet.

Illi pero’ fil-fehma tal-Qorti stante li l-attur ghandu jinzamm responsabbli wkoll ta’ dan l-incident minhabba kontributorjeta’, hija sejra tipproporzjona it-tort fl-ammont li ghad baqa’ bilancjali billi sejra tiddikjara li l-attur stess ghandu jsofri nofs l-ispejjez li ghad fadal pendenti u cioe’ is-somma ta’ elf, erba’ mija u sitta u hamsin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,456.25) [€2,912.50 / 2] jigu sopportati mill-attur stess u r-rimanenti nofs l-iehor jithalsu mill-konjugi Dennis Charles u Denise Buhagiar individwalment bejniethom. In kwantu ghal nofs l-ammont ta’ ta’ elf, erba’ mija u sitta u hamsin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,456.25) cioe’ seba’ mija u tmienja u ghoxrin ewro u tnax-il centezmu (€728.12) jithallas direttament mill-konvenuta Denise Buhagiar lill-attur u in-nofs l-iehor fl-ammont ugwali ta’ seba’ mija u tmienja u ghoxrin ewro u tnax-il centezmu (€728.12) jithallsu wkoll direttament mill-konvenut kontumaci Dennis Charles Buhagiar.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ it-talba attrici f’somma ridotta ghas-somma ta’ elf, erba’ mija u sitta u hamsin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,456.25) b’dan**

**illi tikkundanna lill-konvenut Dennis Charles Buhagiar ihallas is-somma ta' seba' mija u tmienja u ghoxrin ewro u tnax-il centezmu (€728.12) lill-attur u tikkundanna lill-konvenuta Denise Buhagiar thallas il-bilanc ta' seba' mija u tmienja u ghoxrin ewro u tnax-il centezmu (€728.12) wkoll lill-attur u dan ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi dovuti mil-lum.**

**L-ispejjez jithallsu in kwantu ghal terz mill-attur, terz mill-konvenut Dennis Charles Buhagiar u terz mill-konvenuta Denise Buhagiar.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------